# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 141/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**Dottor Karen Mugliett (KI 55266(M)) bħala amministrattriċi ta' Apollo Court Residents Association (Condominium No. 2644)**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Farrugia (KI 0138563(M)) u Maria Lourdes Farrugia (KI 0322663(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 , permezz ta' liema, l-attriċi, qua amministrattriċi talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi l-ammont ta' mitejn, tmienja u ħamsa Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€258.20) rappreżentanti sehem mill-ispejjeż tal-assikurazzjoni komunali u tal-meantuenzjoni straordinarju ta' lift ġewwa *condominium* kif ukoll li l-intimati

jneħħu *security cameras* mill-partiji komuni. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax[1];

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fis-6 ta' Ottubru 2020, permezz ta' liema, l-konvenuti laqgħu għal din l-azzjoni permezz ta' eċċezzjoni preliminari rigwardanti l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae materie* fir-rigward tat-tieni talba u kif ukoll billi qalu li din l-azzjoni saret għal xejn għaliex l-ammont qatt ma kien kontestat[2];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[3];

Ra dak reġistrat fit-3 ta' Diċembru 2020 fejn il-konsulent legali tal-attriċi irtira t-tieni talba (dwar it-tneħħija tas-*security cameras)* u wkoll irriduċa l-ammont tat-talba għal għoxrin Ewro (€20). Inżamm ferm il-kap tal-ispejjeż[4];

Ra l-affidavit, u d-dokument ippreżentat mill-attriċi *nomine,* fejn ġie spjegat lis-*sorte* ta' din l-azzjoni kien qiegħed jiġi ċedut wara li sar ħlas totali, iżda li l-kap tal-ispejjeż kien qiegħed jibqa jinżamm[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 8 *et seq.*
[3] A fol 9.
[4] A fol 12.
[5] A fol 14 *et seq.*

Illi kif jirriżulta mir-riassunt hawn fuq magħmul, d-deċiżjoni attwali ma tirrigwardax aktar dak mitlub fl-Avviż oriġinali[6]. It-Tribunal qiegħed sempliċement jiġi mitlub jgħaddi sabiex jiddeċiedi min mill-kontendenti għandu jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż relatati ma dan il-proċediment.

Illi minn qari tal-affidavit tal-attriċi u mid-dokument anness jirriżulta lill-pagament ta' dak mitlub f'dawn il-proċeduri tħallas permezz ta' pagament tat-18 ta' Settembru 2020 u pagament ieħor fit-3 ta' Diċembru 2020. L-ebda parti minn dan l-affidavit qatt ma ġie kontestat mill-konvenuti, li sempliċement talbu differimenti sabiex jirregolaw ruħhom fuq l-ispejjeż.

Illi huwa ben magħruf li l-ħlas jippreżumi debitu[7]. Wara kollox, il-pagament hija waħda mill-modalitajiet t'estinzjoni t'obbligazzjoni. B'hekk bil-fatt li l-konvenuti ħallsu l-ammont dovut, wara l-ftuħ tal-proċeduri odjerni, huma ġew li ammettew taċitament li dak id-dejn oriġinali kien fil-fatt dovut. Aktar minn hekk ukoll, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti minn dejjem irrikonoxxiet dan id-dejn. Mill-atti li għandu dan it-Tribunal peró jirriżulta li l-ħlas totali sar wara li l-konvenuti ġew notifikati bl-atti ta' din il-kawża.

Illi għandu jkun indiskuss li l-konsegwenza naturali (sakemm ma tingħatax raġuni valida) ta' dan il-ħlas huwa l-indennizz tal-ispejjeż ġudizzjarji li saru propju għal-irkupru tad-dejn oriġinali[8]. L-ispejjeż ġudizzjarji huma anċillari u aċċessorji. Ma nġabet l-ebda prova mill-konvenuti l-għala m'għandhomx iħallsu.

---

[6] Irid peró jiġi mfakkar li l-attriċi *noe* irridimenzjonat l-Avviż tagħha bit-tneħħija tat-tieni talba, anke wara li ngħata eċċezzjoni speċifika fuq hekk.
[7] Artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Fenech vs Joseph Cassar** (Citazzjoni Numru. 504/1997/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Marzu 2004 reġa ġie ribadit hekk: "*Hu principju pacifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju (Kollez. Vol. XLI P I p612);*"

Illi wkoll it-Tribunal sejjer jibqa sieket dwar il-ħlas t'imgħax stante li ma sar l-ebda aċċenn għal dan l-aspett fin-nota hawn fuq indikata jew fis-seduti sussegwenti u għalhekk t-Tribunal qiegħed jifhem li dan l-aspett ġie hekk rinunzjat.

Illi frankament, it-Tribunal huwa perpless kif il-konvenuti ħallew li dan il-proċediment jimmatura sal-punt li jkollha tinkiteb din id-deċiżjoni, meta ironikament, bil-fatt li din is-sentenza qiegħda tingħata, l-ispejjeż tagħhom sejrin jiżdiedu.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jastjeni milli jikkunsidra ulterjorment is-*sorte* mitlub fl-ewwel talba u ċioé dak fl-ammont ta' mitejn, tmienja u ħamsin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€258.28) stante li dan ġie saldat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, jikkundanna lill-konvenuti jħallsu u jindennizzaw lill-attriċi l-ispejjeż ġudizzjarji ta' dawn il-proċeduri.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur